V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja) fit-22 ta' Ġunju 2007 — Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände — Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs deutsche internet versicherung AG

**(Kawża C-298/07)**

(2007/C 223/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja).

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände — Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

*Konvenuta:* deutsche internet versicherung AG.

### Domandi preliminari

1) Dak li jipprovdi s-servizz huwa obbligat, skond l-Artikolu 5(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") ([1]), li jindika, qabel kwalunkwe konklużjoni ta' kuntratt ma' dak li jirċievi s-servizz, numru tat-telefon sabiex jippermetti l-kuntatt ta' malajr u komunikazzjoni diretta u effikaċi?

2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

   a) Dak li jipprovdi s-servizz għandu, qabel kwalunkwe konklużjoni ta' kuntratt ma' dak li jirċievi s-servizz, minbarra li jindika l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, joffri mezz addizzjonali ta' komunikazzjoni skond l-Artikolu 5(1)(ċ) ta' l-imsemmija direttiva?

   b) F'każ ta' risposta affermattiva: Huwa suffiċjenti sabiex jikkostitwixxi mezz addizzjonali ta' komunikazzjoni li dak li jipprovdi s-servizz jinstalla *enquiry mask* li permezz tagħha dak li jirċievi s-servizz jista' jindirizza permezz ta' l-Internet lil dak li jipprovdi s-servizz u dak li jipprovdi s-servizz iwieġeb għad-domanda ta' dak li jirċievi s-servizz permezz tal-posta elettronika?

([1]) ĠU L 178, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Obersten Gerichtshofs (l-Awstrija) fis-26 ta' Ġunju 2007 — PAGO International GmbH vs Tirolmilch registrierte Genossenschaft mbH

**(Kawża C-301/07)**

(2007/C 223/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* PAGO International GmbH.

*Konvenuta:* Tirolmilch registrierte Genossenschaft mbH.

## Domandi preliminari

1) *Trade mark* Komunitarja hija protetta fil-Komunità kollha bħala "*trade mark* [li] għandha reputazzjoni" skond l-Artikolu 9(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-*trade mark* Komunitarja (iktar 'il-quddiem l-"RTK") ([1]), meta din tkun "għandha reputazzjoni" biss fi Stat Membru wieħed?

2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, *trade mark* li hija "magħrufa" fi Stat Membru wieħed biss hija protetta f'dan l-Istat Membru bis-saħħa ta' l-Artikolu 9(1)(ċ) ta' l-RTK, b'mod li tista' tiġi ordnata projbizzjoni limitata għal dan l-Istat l-Istat Membru?

([1]) ĠU L 11, p. 1.

## Appell imressaq fit-12 ta' Lulju 2007 minn Papierfabrik August Koehler AG kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) fis-26 ta' April 2007, fil-Kawżi magħquda T-109/02 (Bolloré vs Il-Kummissjoni), T-118/02 (Arjo Wiggins Appleton vs Il-Kummissjoni), T-122/02 (Mitsubishi HiTec Paper Bielefeld vs Il-Kummissjoni), T-125/02 (Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni), T-126/02 (M-real Zanders vs Il-Kummissjoni), T-128/02 (Papeteries Mougeot vs Il-Kummissjoni), T-129/02 (Torraspapel vs Il-Kummissjoni), T-132/02 (Distribuidora Vizcaína de Papeles vs Il-Kummissjoni) u T-136/02 (Papelera Guipuzcoana de Zicuñaga vs Il-Kummissjoni)

**(Kawża C-322/07 P)**

(2007/C 223/05)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Papierfabrik August Koehler AG (rappreżentanti: I. Brinker u S. Hirsbrunner, avukat, J. Schwarze, professur f'Università)

*Parti oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' April 2007, Kawża T-125/02, fil-parti li tirrigwarda r-rikorrenti;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2001, 2004/337/CE, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (każ COMP/E-1/36.212 — Karta saħħara) ([1]), fil-parti li tirrigwarda r-rikorrenti;

sussidjarjament, tnaqqas l-ammont impost fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni;

— sussidjarjament għal dak mitlub fit-tienu punt, li l-kawża tiġi rrinvijata lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal deċiżjoni skond is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti kemm quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ssostni dan li ġej. Il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq l-iffissar tal-multa jiksru l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità. Ir-rikorrenti tilmenta f'dan ir-rigward ksur sostanziali tad-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Prim'Istanza assumiet b'mod żbaljat li kien irrilevanti l-fatt li din tar-rikorrenti hija impriża tal-familja, li b'differenza mill-impriżi l-oħra, hija nieqsa minn aċċess dirett għas-swieq kapitali. Min-flok, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod żbaljat affermat li l-impriża ma tistax tinvoka favur tagħha illegalità mwettqa favur impriżi oħra. Madankollu, ir-rikorrenti ma użatx dan l-argument. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma evalwatx korrettament id-differenzi strutturali bejn ir-rikorrenti u l-impriżi l-oħra li lilhom ġie ikkontestat ksur. Għaldaqstant, hija għalhekk kisret il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzionalità.

Barra minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod żbaljat assumiet li r-rikorrenti pparteċipat fil-ksur fil-perijodu qabel Ottubru 1993. Għal dan il-għan hija eżaminat il-provi b'mod insuffiċjenti, evalwathom b'mod kontradittorju u bi bdil tan-natura tagħhom, b'mod li kisret il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti hawnhekk tilmenta bl-eżistenza ta' vizzju mil-lat proċedurali. L-affermazzjonijiet li permezz tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza targumenta dwar il-fatt li l-laqgħat uffiċjali ta' l-assoċjazzjoni AEMCP fil-perijodu bejn Jannar 1992 u Settembru 1993 kienu l-post fejn seħħew ftehim fuq il-prezzijiet fuq livell Ewropew huma insuffiċjenti u kontradittorji. Barra minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat ukoll meta qieset li r-rikorrenti ħadet sehem fl-laqgħat informali fejn ġew miftiehma l-prezzijiet fuq livell nazzjonali.

([1]) GU 2004, L 115, p. 1.